MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Numru. 187/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs.**

**Ryan Pirotta**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Ryan Pirotta ta’ 20 sena iben Donald u Elizabeth nee’ Fiteni mwieled Pieta fit-18 ta’ Settembru 1991 u residenti Aloha, Parish Streeth, Naxxar, ID 486491 (M).

Akkuzat talli fis-27 ta’ Ottubru 2011 ghall-habta ta’ 23.20hrs gewwa Bahar ic-Caghaq Naxxar u fi nhawi ohra f’dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom

bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, u li l-fedina penali aggornata tieghu hija wahda netta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta’ Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u l-Parole.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------